MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 439/2005

**Carmel Aquilina (ID-265649M)**
**vs**
**Joseph Galea**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Frar, 2005, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u tmenin lira Maltija (Lm480.00), jew somma verjuri rapprezentanti danni kkawzati mill-konvenut lill-attur minhabba incident awtomobilistiku li sehh fl-24 ta' Lulju, 2004, fil-Wardija hdejn Castello Dei Baroni meta l-attur kien qed isuq vettura Land Rover bin-numru ta' registrazzjoni FBC-038 u l-konvenut kien qed isuq Peugeot bin-numru JAA-708, liema incident sehh tort unikament tal-konvenut minhabba mperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.**
**Bl-ispejjez u bl-imghax u l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut datata 8 ta' Marzu, 2005, fejn gie eccepit :**
**i. Fl-ewwel lok illi huwa ma jahtix ghall-incident « de quo ».**
**ii. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont mitlub mill-attrici huwa esagerat.**
**iii. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Carmel Aquilina, Warden 147 Ronnie Azzopardi, Natalino Agius, Joseph Galea, Josephine Galea u Dr Edmond Zammit Laferla. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fi Triq tal-Wardija, fl-24 ta' Lulju, 2004 ghall-habta tat-8.15pm.. Il-vetturi nvoluti fil-habat kienu dik misjuqa mill-attur, Land Rover bin-numru FBC-038 u dik misjuqa mill-konvenut bin-numru JAA-708.**
**2. Iz-zewg vetturi kienu sejrin f'direzzjonijiet opposti.**
**3. Is-sottoskritt kellu l-opportunita` li jezamina l-lok fejn sehh l-incident. Jirrizulta li hemm it-triq fiha liwja, u apparti minn dan hemm parti asfaltata, filwaqt li l-gnub fuq kull naha fihom ftit imharbat, ghalkemm hemm izjed imharbat fil-karreggata li minnha kien gej l-attur, vicin ta' fejn hemm rixtellu tal-hadid, kif jirrizulta ampjament mir-ritratti esebiti.**
**4. L-attur kien tiela' mid-direzzjoni ta' Castello dei Baroni, filwaqt li l-konvenut kien niezel fid-direzzjoni opposta. Meta sehh l-incident kien ghadu ma dalamx, pero` l-Warden dam ma mar peress li kien fuq xoghol iehor.**
**5. Ma hemmx dubbju li fit-triq fejn sehh l-incident hemm diversi liwjiet. Hemm il-hitan tas-sejjiegh fuq kull naha tat-triq. It-Tribunal ikkonstata personalment li hu u ghaddej kif kien allegatament ghaddej l-attur, jekk izomm fuq l-asfalt, ma hemmx spazju sufficenti biex tghaddi vettura ohra mid-direzzjoni opposta.**

**6. It-Tribunal jirrileva li min qed isuq fi triq bhal din ghandu juza l-massimma diligenza, sija minhabba l-imharbat li hemm mal-genb, kif ukoll li wiehed ma jafx x'ser jitfacca minn wara liwja, bhal ma kienet din il-liwja fejn sehh l-incident.**
**7. F'dan is-sens it-Tribunal hu soddisfatt li ebda wiehed mill-partijiet ma seta' jara lill-iehor. Jirrizulta ukoll li l-attur kien ghaddej fuq ix-xifer tal-parti asfaltata jekk mhux ukoll fuq il-parti imharbta, filwaqt li l-konvenut kien ghaddej qrib tal-hajt tas-sejjiegh.**
**8. Dana jaghmel sens dwar kif sehh l-incident, tant li l-attur intlaqat fil-genb, li ma kienx ikun il-kaz li kieku l-attur kien ghaddej kompletament fuq il-parti asfaltata. L-attur intlaqat fil-genb, ittajjar il-pizz tar-rota, tghaffeg il-genb, u kien hemm hsara fil-bieba u r-running board, filwaqt li l-konvenut kellu l-hsara fuq il-kantuniera tal-lemin ta' quddiem.**
**9. Meta sehh l-incident l-attur u l-konvenut kienu t-tnejn li huma mexjin, u hadd minnhom ma waqaf. Jirrizulta li meta l-konvenut intebah bl-attur zamm brake, pero` minhabba z-zrar li hemm fil-genb skiddja u saret il-habta.**
**10. Fic-cirkostanzi t-Tribunal iqies li dan l-incident sehh minhabba nuqqas ta' proper look out taz-zewg sewwieqa, li kienu ghaddejin fi triq isserrep, qed javvicinaw liwja, li wiehed jista' kwazi jsejjah « blind corner », u fejn it-triq ma hix kompletament asfaltata. Ghalhekk iz-zewg sewwieqa huma responsabbli fi grad ugwali ghall-eventwali kollizjoni li sehhet.**
**11. Dwar l-istima tad-danni subiti mill-attur it-Tribunal qed iqies li dan qed jitlob is-somma ta' erba' mija u tmenin lira (Lm480.00). Fil-fatt skond s-surveyor Natalino Agius l-istima tad-danni hi ta' mitejn lira bhala « parts » u tlett mija u tletin lira (Lm330) bhala xogholijiet. Ghalhekk l-ammont mitlub ma jirrizultax li hu esagerat.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li qed jiddikjara liz-zewg sewwieqa responsabbli fi grad uwali ghall-incident li sehh, qed jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn u erbghin lira Maltija (Lm240.00), bl-imghax legali dekoribbli mil-lum, salv u**

**mpregudikat kull dritt tal-konvenut ghar-rifuzjoni tad-danni minnu subiti.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------